

32003R1746

2.10.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 250/17

IR-REGOLAMENT TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**tat-18 ta' Settembru 2003****li jemenda r-Regolament BĊE/2001/13 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji****(BĊE/2003/10)**

IL-KUNSILL REGOLATORJU TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

(3) Ir-Regolament BĊE/2001/13 jeħtieġ isirulu emendi oħra minħabba l-kodifikazzjoni tar-Regolament BĊE/1998/15 ta' l-1 ta' Diċembru, 1998, dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi ⁽³⁾,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru, 1998, dwar il-ġbir ta' l-informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ⁽¹⁾, partikolarment l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 6(4),

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament BĊE/2001/13 huwa emendat kif ġej:

Billi:

1. Fl-Artikolu 4, qed tizzied is-sentenza li ġejja mal-paragrafu 2:

(1) Ir-Regolament BĊE/2001/13 tat-22 ta' Novembru, 2001, dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji ⁽²⁾ jeżiġi li d-data statistika kklassifikata skond il-pajjiż u l-valuta, l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFMi) jirrapportawha kull trimestru. Madankollu, fil-preżent din id-data jeżiġiha biss dwar dawk l-Istati li jkunu Membri ta' l-Unjoni Ewropea (UE) meta jiġi addottat. Għalhekk għandu jiġi emendat biex l-obbligi tar-rappurtaġġ jiġu estenzi għal data dwar il-pajjiżi li se jissiehu fl-UE fl-1 ta' Mejju, 2004.

“B'referenza għall-paragrafi 6a u 7a ta' l-ewwel parti 1, is-sezzjoni IV ta' l-anness I, kull BĊN għandu jeżamina jekk id-data li għandha x'taqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#', fit-tabelli 3 u 4 tat-tieni parti ta' l-anness I, hijiex insinifikanti, u għandu jinforma lill-aġenti tar-rappurtaġġ meta ma jkunx jeħtieġ li din tiġi rrapportata.”

2. L-Artikolu 5(2) huwa rrevokat.

3. L-Annessi I u V huma emendati skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

4. L-Anness II huwa emendat skond l-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1(1) u (3) għandu japplika mill-1 ta' Mejju, 2004. L-Artikolu 1(2) u (4) għandu japplika mill-10 ta' Marzu, 2004.

(2) Bħalissa, ħafna mid-data dwar il-pajjiżi msemija hija x'aktarx insinifikanti. Il-benefiċċju li jirriżulta mill-identifika separatament id-data insinifikanti x'aktarx ikun inqas mill-ispejjeż assoċjati mal-ġbir tagħha. B'konformita' mal-flessibbiltà li teżisti diġà u li hija permessa bir-Regolament BĊE/2001/13, fil-kalkulazzjoni tal-figuri ta' kull trimestru fejn wieħed jista' juri li d-data involuta aktarx ma tkunx sinifikanti minn figuri miġbura flivell ogħla ta' aggregazzjoni, il-prinċipju tal-flessibbiltà għandu wkoll jiġi applikat fil-każ tar-rappurtaġġ ta' data ġdida. Għal dan il-għan, il-banek ċentrali nazzjonali jevalwaw regolament jekk id-data hijiex sinifikanti jew le.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-18 ta' Settembru, 2003.

Għall-Kunsill Regolatorju tal-BĊE

Willem F. DUISENBERG

⁽¹⁾ ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 8.⁽²⁾ ĠU L 333, tas-17.12.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament BĊE/2002/8 (ĠU L 330, tas-6.12.2002, p. 29).⁽³⁾ ĠU L 356, tas-30.12.1998, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament BĊE/2002/3 (ĠU L 106, tat-23.4.2002, p. 9).

ANNEX

L-annessi I, II u V għar-Regolament BĊE/2001/13 huma emendati kif ġej:

(1) L-anness I huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel parti, is-sezzjoni IV hija emendata kif ġej:

(i) Jiddaħħal il-paragrafu 6a li ġej:

“6a. L-aġenti tar-rappurtaġġ jirrapportaw id-data li għandha x'taqsam mal-kaxxi mhux immarkati bis-simbolu '#' fit-tabella 3 tat-tieni parti.

L-aġenti tar-rappurtaġġ jirrapportaw ukoll id-data li għandha x' taqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#'. Madankollu, jekk il-figuri miġbura flivell ogħla ta' aggregazzjoni juru li din id-data hija insinifikanti, il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li ma jitolbux li din tiġi rrapportata. Kull BĊN jinforma lill-aġenti tar-rappurtaġġ b'din id-deċizzjoni.”

(ii) Jiddaħħal il-paragrafu 7a li ġej:

“7a. L-aġenti tar-rappurtaġġ jirrapportaw id-data li għandha x'taqsam mal-kaxxi mhux immarkati bis-simbolu '#' fit-tabella 4 tat-tieni parti.

L-aġenti tar-rappurtaġġ jirrapportaw ukoll id-data li għandha x'taqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#'. Madankollu, jekk il-figuri miġbura flivell ogħla ta' aggregazzjoni juru li din id-data hija insinifikanti, il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu biex ma jitolbux li din tiġi rrapportata. Kull BĊN jinforma lill-aġenti tar-rappurtaġġ b'din id-deċizzjoni.”

(iii) Jiżdied il-paragrafu 9a li ġej:

“9a. Meta d-data li għandha x'taqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#' hija insinifikanti imma l-BĊNi xorta jiġbruha, din tista' tintbagħat mill-BĊNi lill-BĊE b'dewmien ta' xahar ieħor mill-egħluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol li jiġi wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu din id-data jkollha x'taqsam. Huma l-BĊNi li jiddeċiedu meta jkollhom b'zonn jirċievu d-data mill-aġenti tar-rappurtaġġ biex ikunu jistgħu jissodisfaw din l-iskadenza.”

(b) It-tieni parti hija emendata kif ġej:

(i) Fit-tabella 3 (Klassifikazzjoni skond il-pajjiż):

- Taħt l-intestatura “B. Stati Membri parteċipanti oħra (i.e. eskluż is-settur domestiku) + parti minn Ċ. Il-bqija tad-dinja (Stati Membri)”, il-kolonna huma mdaħħla biex jirrappreżentaw kull pajjiż li se jissieħeb fl-UE fl-1 ta' Mejju, 2004. Kull kaxxa f'kull waħda mill-kolonna msemija hija mmarkata bis-simbolu “#”.
- Fl-intestatura ta' l-aħħar kolonna, il-kliem “(esklużi l-Istati Membri)” huma mibdula b' “(esklużi DK, SE, GB)”.
- Tiżdied in-“Nota Ġenerali” li ġejja mat-tabella: “Jekk il-figuri miġbura flivell ogħla ta' aggregazzjoni juru li d-data li għandha x'taqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#' hija insinifikanti, il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li ma jitolbux li din tiġi rrapportata.”

(ii) Fit-tabella 4 (Klassifikazzjoni skond il-valuta):

- Taħt l-intestatura “Il-valuta ta' Stati Membri oħra”, jiddaħħlu kolonna biex jirrappreżentaw kull pajjiż li se jissieħeb fl-UE fl-1 ta' Mejju, 2004. Kull kaxxa f'kull waħda minn dawn il-kolonna msemija hija mmarkata bis-simbolu “#”.
- L-ewwel filliera tinbidel b'dan li ġej:

“ELEMENTI FIL-KARTA TAL-BILANĊ	Il-valuti kollha flimkien	Ewro	Il-valuta ta' Stati Membri oħra	Valuti oħra				
			[Kaxxi li jirrap- preżentaw il- valuta ta' kull Stat Membru]	Total	USD	JPY	CHF	Il-valuti li jifdal flim- kien ⁽¹⁾
(...)								

(¹) Il-valuta ta' Stati Membri oħra (esklużi DKK, SEK, u GBP) huma inklużi taħt din il-kolonna.”

- Tiżdied in-“Nota Ġenerali” li ġejja mat-tabella: “Jekk il-figuri miġbura flivell ogħla ta' aggregazzjoni juru li d-data li għandha x'taqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#' huma insinifikanti, il-BĊNi jistgħu jiddeċiedu li ma jitolbux li din tiġi rrapportata.”

(2) Fl-anness II, l-ewwel parti 1, il-paragrafu 2, jitħassar il-kliem “(xahar wieħed)”.

(3) Jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin, 1a, 1b u 2a, fl-anness V:

- “1a. Minkejja l-paragrafu 1, l-ewwel rappurtaġġ skond dan ir-Regolament li għandu x'jaqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#' jibda bid-data ta' kull trimestru għall-perjodu li jispiċċa f'Ġunju 2004.
- 1b. Jekk il-BĊN relevanti jiddeċiedi li ma jitlobx l-ewwel rappurtaġġ tad-data insinifikanti li jibda bid-data ta' kull trimestru għall-perjodu li jispiċċa f'Ġunju 2004, ir-rappurtaġġ jibda 12-il xahar wara li jinforma lill-aġenti tar-rappurtaġġ li d-data tkun meħtieġa.
- 2a. Għall-ewwel 12-il xhar li tkun rrapportata, id-data sinifikanti li għandha x'taqsam mal-kaxxi mmarkati bis-simbolu '#' tista' tiġi rrapportata lill-BĊE, b'dewmien ta' xahar ieħor mill-egħluq tan-negozju fit-28 jum ta' xogħol li jiġi wara t-tmiem tat-trimestru li miegħu jkollha x'taqsam din id-data. Huma l-BĊNi li jiddeċiedu meta jkollhom bżonn li jirċievu d-data mill-aġenti tar-rappurtaġġ biex ikunu jistgħu jissodisfaw din l-iskadenza.”
-